MALTA

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

# ONOR. IMĦALLEF

# LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2015

Rikors Numru. 280/2015

**Marvic Baldacchino Caruana (K.I. nru 374273(M))**

**vs.**

**Silvio Baldacchino (K.I. nru 28971(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Marvic Baldacchino Caruana (K.I. nru 374273(M))** ippreżentat fl-24 ta' Marzu, 2015 li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 23 ta' Jannar, 2009 fl-atti tan-Nutar Dr. Lisa Camilleri (kopja annessa u mmarkata Dok. A);*

2. *Illi ai termini tal-istess kuntratt, senjatament il-klawsola 6(i), l-intimat obbliga ruħu li jħallas manteniment ta' tlett mija u tmienja u disgħin Euro (€398) fix-xahar għaż-zewġ ulied minuri, liema manteniment kellu jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja;*

3. *Illi oltre minn hekk, fl-istess kuntratt ta' separazzjoni, l-intimat obbliga ruħu li jħallas l-ispejjeż kollha tal-edukazzjoni u ta' saħħa tal-minuri;*

4. *Illi l-intimat naqas illi jagħmel il-ħlasijiet relattivi għal spejjeż ta' edukazzjoni u saħħa dovuti minnu għal dawn l-aħħar ħames snin u seba' xhur, liema ammont ta' spejjeż ammonta għal circa ħamsin elf Euro, minkejja li interpellat jagħmel dan permezz ta' atti ġudizzjarji;*

5. *Illi minn dan l-att ta' firda personali hemm trapass ta' żmien ta' iktar minn tlett snin, li huwa terminu li skont il-liġi it-titolu eżekuttiv seta' ġie eżegwit u dan ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi l-esponenti qegħda tikkonferma bil-ġurament it-talba tad-dejn li qed tfittex l-eżekuzzjoni tagħha;*

7. *Illi r-rikorrenti hija kreditriċi ta' Silvio Baldacchino, u s-somma hawn fuq indikata għadha dovuta fl-intier tagħha;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv naxxenti mill-kuntratt pubbliku ta' separazzjoni personali tal-partijiet datat 23 ta' Jannar, 2009 in atti Nutar Dottor Lisa Camilleri u dan taħt kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha opportun.*

Rat ir-Risposta tal-intimat **Silvio Baldcchino (K.I. nru 28971(M))** li ġiet ippreżentata fl-24 ta' April, 2015 u li tgħid is-segwenti:

1. *Illi r-rikorrenti għandha tispjega l-ħtieġa ta' dawn il-proċeduri billi, skont il-ġurisprudenza prevalenti, sabiex dawn il-proċeduri jkunu meħtieġa għandu jgħaddi ż-żmien ta' tlett (3) snin imposti mil-Liġi minn dakinhar illi t-titolu jkun reż eżekuttiv. F'dan ir-rigward huwa rilevat illi t-titolu tar-rikorrenti ma ġiex reż eżekuttiv ħlief is-sena li għaddiet permezz tal-preżentata ta' ittra ġudizzjarja kif maħsub mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 253 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Illi f'kull każ għandu jingħad illi l-pretenzjoni magħmula mir-rikorrenti ġiet deliberatament esaġerata mir-rikorrenti illi qegħda tabbuża minn dawn il-proċeduri.*

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Ġunju, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għas-seduta tal-lum għal provvediment dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-liġi tqis bħala titolu eżekuttiv, fost l-oħrajn, il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u li ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt[1].

Ir-rikorrenti Marvic Baldacchino Caruana qiegħda titlob permezz ta' din il-proċedura ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li kuntratt pubbliku jerġa' jsir eżegwibbli bħala titolu

[1] L-Art. 253(b) tal-Kap. 12.

eżekuttiv minħabba li għaddew aktar minn tlett snin minn meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni personali.

Il-kuntratt pubbliku li r-rikorrenti Marvic Baldacchino Caruana tagħmel riferiment għalih fir-Rikors tagħha hu kuntratt ta' separazzjoni personali datat 23 ta' Jannar, 2009[2] u mhux kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt, kif trid il-liġi bl-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Madankollu l-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex ikkunsidrat li huwa eżawrjenti għal dawk li jitqiesu bħala titoli eżekuttivi, u dan għaliex jeżistu dispożizzjonijiet taħt il-liġijiet tagħna fejn jingħad illi kreditu jew deċiżjoni partikolari jitqiesu bħala titoli eżekuttivi għall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 253 tal-Kap 12. Huwa aċċettat ukoll mill-Qrati tagħna li kuntratt ta' firda personali jammonta għal titolu eżekuttiv għad li dan ma jissemmiex speċifikament fl-Artikolu 253 tal-Kap. 12.[3]

Kif ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta[4]:

---

[2] A fol. 3 et seq tal-proċess.
[3] Ara sentenza tal-PA (JRM) fl-ismijiet **Eileen Busietta vs. Adrian Busietta** deċiża fis-6 ta' Marzu, 2014 u sentena tal-PA (AE) fl-ismijiet **Lucy Portelli vs. Anthony Mamo** deċiża fid-19 ta' Novembru, 2012.
[4] **Eileen Busietta vs. Adrian Busietta** PA (JRM), deċiża fis-6 ta' Marzu, 2014.

> *"Illi huwa minnu li l-Artikolu 258 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jsemmi biss it-titoli eżekuttivi li jissemmew fl-Artikolu 253, imma din il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni għaliex tqis li dak l-istess artikolu ma jagħtix rimedju f'każijiet fejn titoli eżekuttivi oħrajn magħrufa mil-liġi jitqiesu bħala titoli eżekuttivi taħt l-Artikolu 253;"*

L-artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu qiegħda ssir din il-proċedura, ċjoè l-Artikolu 258 tal-Kap. 12, jirregola l-kwistjoni fejn il-liġi tagħti l-fakoltà lil min ikollu titolu eżekuttiv li jgħaddilu t-terminu ta' żmien li fih setgħet issir l-eżekuzzjoni tiegħu, li tali titolu jista' jiġi ravvivat b'din il-proċedura[5].

Biex kuntratt jew titolu bħal dak ikollu effett eżekuttiv, il-liġi trid li jintbagħat att ġudizzjarju lid-debitur b'sejħa għall-ħlas u jkunu għaddew minn tal-anqas jumejn min-notifika lid-debitur ta' dak l-att ġudizzjarju[6]. Minn dak il-ħin 'l hemm, it-titolu jkun jista' jkun eżegwit bil-ħruġ tal-atti eżekuttivi maħsuba fil-liġi bla ma jeħtieġ proċeduri oħrajn jew xi sentenza li tikkonferma li dak il-kuntratt sar eżegwibbli. Il-kostituzzjoni tad-debitu ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 issir eżegwibbli skont ma jrid l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 jumejn wara n-notifika ta' ittra uffiċjali lid-debituri.

---

[5] Ara s-sentenza fl-ismijiet **HSBC Malta plc vs Charmaine Saliba**, deċiża fis-27 ta' Settembru 2012 PA (JRM).
[6] L-Art. 256(2) tal-Kap 12.

Ir-rikors li jsir abbażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 m'għandux l-iskop li jrendi t-titolu eżekuttiv eżegwibbli u għalhekk mhux applikabbli f'dan il-każ l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12, iżda għandu biss l-iskop li l-Qorti tirravviva t-titolu eżekuttiv biex il-kreditur ikun f'pożizzjoni li jirrendih eżegwibbli mill-ġdid u dan għax ikunu għaddew tlett snin mindu seta' jiġi eżegwit.

Il-proċedura ikkontemplata fl-Artikolu 258 hi applikabbli biss meta jkun għalaq iż-żmien li matulu titolu eżekuttiv ikun għadu eżegwibbli u dan bl-iskop biex jingħata provvediment mill-Qorti sabiex it-titolu jerġa' jsir eżegwibbli mill-ġdid. Għalhekk din il-proċedura ma tistax tintuża fejn il-perijodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 ma jkunx għadu għadda kollu jew ma jkunx beda għaddej. Fejn it-titolu huwa eżegwibbli u għadu m'għaddiex iż-żmien tal-effettività tiegħu, ma hemmx bżonn tar-rimedju taħt l-imsemmi Artikolu 258 tal-Kap. 12.

Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax meta eżattament l-imsemmi titolu ġie reż eżekuttiv permezz tal-preżentata ta' ittra ġudizzjarja ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12. Mhuwiex ikkontestat però li t-titolu inkwistjoni ġie reż eżekuttiv b'att ġudizzjarju li ġie ppreżentat matul is-sena 2014.

Ir-rikorrenti issostni li huwa applikabbli għall-każ tagħha l-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 u dan stante li mill-kuntratt ta’ separazzjoni personali “hemm trapass ta’ aktar minn tliet snin, li huwa t-terminu li skont il-liġi it-titolu eżekuttiv seta’ ġie esegwit”.

Mid-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli għall-każ odjern u ċjoè l-Artikoli 256(2) u 258(ċ) tal-Kap. 12 joħroġ ċar illi l-perijodu ta’ tlett snin għandu jibda jgħodd mhux mid-data tal-kuntratt imma minn jumejn wara l-preżentata tal-att ġudizzjarju li bih it-titolu inkwistjoni ġie reż eżekuttiv.

Huwa evidenti għalhekk li fil-każ odjern l-imsemmi perijodu ta’ tlett snin għadu m’għaddiex peress li l-att ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 ġie ppreżentat fl-2014 u għaldaqstant ir-rikorrenti ma tistax tinvoka din il-proċedura ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12.

**Decide**

**Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi billi tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat u tiċħad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-Rikors tagħha.**

**Spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------